QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMĦALLEF

ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

Seduta ta' nhar-il Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016

**App. Nru. 465/13 DS**
**App. Nru. 485/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**John (k.a. Ivan) Schembri**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi John (k.a. Ivan) Schembri, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 359267M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Ottubru 2010, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

(1) ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt; jew ġiegħel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew wegħdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, għamlu jew taw dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;

(2) fl-istess dati, lokalitjiet, u ċirkostanzi, irċieva jew aċċetta, xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal ħaddieħor bil-għan li

jeżerċita xi influwenza mhux xierqa hekk kif imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt; jew ġiegħel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew wegħdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalih jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

(4) fl-istess dati, lokalitajiet, u ċirkostanzi, ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt; jew ġiegħel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali jew wegħdiet; jew ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn ħalfu l-falz quddiem uffiċjal li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi:

i. tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. tordna wkoll il-konfiska ta' l-ioġġetti kollha esebiti;

iii. tikkundanna lill-imsemmi John (k.a. Ivan) Schembri għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali , tal-21 ta' Ottubru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18; 42 (a), (b), (d); 108; 109; 121A (2); 185(1); 188 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **John (k.a. Ivan) Schembri** ħati ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet biss u, stante l-fatti dikjarati fis-sentenza, applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ghalhekk bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata, filwaqt li ma sabitux ħati tat-tieni (2) u r-raba' (4) imputazzjonijiet u minnhom illiberatu. L-istess Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi John sive Ivan Schembri ppreżentat fid-29 ta' Ottubru 2013 fejn talab li din il-Qorti (1) tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ġie dikjarat mhux ħati tat-tieni u tar-raba`

imputazzjonijiet, (2) tħassarha in kwantu għas-sejbien ta' ħtija ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u, fl-eventwalita` li din il-Qorti tikkonferma l-piena [*recte:* ħtija], li tikkonfermaha in kwantu għal piena.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-7 ta' Novembru 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi John (Ivan) Schembri ħati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, tikkonfermaha fejn illiberatu mit-tieni (2) imputazzjoni u tbiddilha billi ssibu ħati tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu skond il-liġijiet ta' Malta u tvarja l-piena skond il-liġi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-imsemmi John (k.a. Ivan) Schembri esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant John (k.a. Ivan) Schembri huma s-segwenti:

> "**<u>a. Dwar l-ewwel imputazzjoni a tenur tal-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali.</u>**
>
> "Illi bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, jidher li hija naqset milli taghraf punti ta' dritt u a bazi ta' hekk waslet sabiex tinstab htija tal-esponenti hekk kif instabet.
>
> "Dan ir-reat huwa spjegat mil-Profs. Mamo fin-noti tieghu meta huwa jitkellem dwar "fraudulent alteration of act by public officer"[1].
>
> "X'inhuma l-elementi sabiex jkun hemm sejbien ta' htija a tenur tal-artikolu 185 tal-Kodici Kriminali skond il-Profs. Mamo?
>
> i. The status of <u>public officer or servant</u> in the agent
> ii. The falsification must concern <u>an act falling within his official duties</u>
> iii. The falsification must be in the manner specified in the section, so as fraudulently <u>to alter the substance or the circumstances of the act</u>."
>
> "Fil-kaz odjern ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-esponenti kien u ghadu ufficjal pubbliku.
>
> "Pero` zgur li ma jistax jigi argumentat li d-dikjarazzjonijiet mertu tal-kaz odjern kienu formanti parti mix-xoghol tal-esponenti fil-customer care unit tal-ADT[2]. L-att ta' allegat affidavit ma huwiex parti mix-xoghol tieghu u zgur li hemm qbil mal-prosekuzzjoni fuq dan il-fatt. Tant huwa hekk li l-esponenti gie liberat mir-raba` imputazzjoni.
>
> "Dan il-fatt wahdu diga` jrendi bizzejjed il-punt li l-esponenti ma seta` qatt jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

[1] Folio 172 tal-verzjoni 1977
[2] Vide x-xhieda ta' Brian Farrugia

“L-agir mertu ta’ dan id-delitt jrid jkun tali li jrid jsir *wilfully* billi jew:

“‘a. By inserting any stipulation different from that dictated or drawn up by the parties or
“ b. By declaring as true what is false or by declaring as an acknowledged fact a fact which is not so acknowledged.’

“X’gie dikjarat f’dawn l-atti?

“Mistoqsija li ser tibqa bla twegiba. Dana stante li dawn id-dokumenti qatt ma gew esebiti fl-atti odjerni.

“A bazi tal-*best evidence rule*, hekk kif imfissra u mhaddma bl-artikolu 346 tal-Kodici Kriminali dawn id-dokumenti kellhom jingiebu mil-prosekuzzjoni u baqghu qatt ma ngabu. Jiskatta ghaldaqstant il-principju l-iehor *quod non est in acti non est in mundo*.

“Ma huwiex mifhum ukoll lil min suppost ghen l-esponenti, jekk huwiex lil persuni msemmija, jekk huwiex lil persuna misterjuza ta’ Francis Catania jew inkella lit-tnejn.

“L-Ewwel Onorabbli Qorti sahqet li “skond il-prosekuzzjoni, l-imputat kien jghaddi r-rikjesta lil certu Francis Catania li kien jahdem hemm ukoll, u kien dan li jipprocessaha u johrog il-licenzja”.

“A bazi ta’ kif waslet ghal din il-konkluzjoni l-Ewwel Qorti ma huwiex mifhum u dana stante li l-ebda prova f’dan is-sens ma ngabet.

“Lanqas nafu min huwa Francis Catania u/jew x’suppost jaghmel.

“Ma hemm l-ebda record/prova dokumentarja u/jew xort’ohra dwar min kien l-impjegat tal-ADT li effettivament hareg l-licenzja falza lil dawn il-persuni.

“Fil-kaz odjern, jekk l-esponenti suppost ghen lill-awturi tad-delitt ossia Zammit, Camilleri, Mallia u Cauchi, certament ma jistax jkun hemm sejbien ta’ htija stante li bla ebda ombra ta’ dubbju dawn ma humiex ufficjali pubblici.

“Jekk mil-banda l-ohra l-prosekuzzjoni qedha takkampa lill-esponenti li huwa ghen lill-awtur li huwa Francis Catania, ma nafux, stante li provi fuq min huwa dan Francis Catania ma ngabux.

“Lanqas biss ingabu l-quddiem il-provi li suppost juru min kien l-ufficjal tal-ADT li suppost hareg dawn il-licenzi foloz, u dana minkejja domanda diretta f’dan is-sens lill-ufficjal prosekutur [fol. 14 tal-atti].

"Ix-xoghol ufficjali tal-esponenti ma kien xejn in konnessjoni mal-hrug tal-licenzi tas-sewqan [drivers' licence] stante li l-esponenti kien addett mar-registrar tal-vetturi li jigu minn barra u l-licenzi tat-triq taghhom[3].

"Dan ifisser li l-*actus reus* tad-delitt *de quo* ma gewx ippruvati fl-intier taghhom.

"B'lealta` mal-Qorti, l-esponenti huwa imputat li huwa b'xi mod kien komplici a tenur tal-artikolu 42(a)(b)(d) tal-Kodici Kriminali.

"Filwaqt li moqrija x-xhieda ta' Zammit, Camilleri, Mallia u Cauchi, wiehed jista` forsi jasal ghal konkluzjoni li effettivament huwa ghenhom, xorta wahda jibqa' l-fatt li certament l-elementi tad-delitt sottostanti, ossia dak a tenur l-artikolu 185 (1), ma gewx ippruvati.

"Dan ifisser li konkluzjoni wahda u wahda biss tista` tissielet [*recte:* tinstilet] minn dan il-fatt cioe` li l-esponenti legalment u ragjonevolment qatt ma seta` jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

"**<u>b. Dwar l-imputazzjoni a tenur tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali u l-apprezzament tal-provi.</u>**

"Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jtenni li l-Qorti tal-Magistrati legalment u ragjonevolment ma setghet qatt tasal ghal konkluzzjoni li tiskarta d-depozizzjoni tal-esponenti moghti fil-Qorti, bil-mod kif hija ddikjarat.

"Ix-xhud Dr. Spiteri spjega l-kondizzjoni medika tal-esponenti u spjega kif u meta jiskattaw kondizzjonijiet li fihom l-esponenti u persuni bhalu jispiccaw sabiex jkollhom dan l-istat ta' biza u jcedu ghal pressjoni. Id-depozizzjoni ta' hu l-esponenti kif ukoll dik tal-Ispettur Pullicino, jispjegaw il-kollass tal-esponenti kif kien fizikament wara l-interrogatorju.

"Certament ma hemmx dubbju li l-ebda persuna fuq il-pedana tax-xhieda ma tghix l-istess trawma bhal dik li tkun ghexet gewwa d-depot tal-Pulizija. Fatt iehor indiskuss huwa proprju li wara li ha l-pedana tax-xhieda, l-esponenti ma kkrollax bhal ma gralu wara li hareg mill-ufficcju tal-ispettur Abdilla. L-istess Qorti kienet xhud ta' dan kollu.

"Ghaldaqstant l-esponenti ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti ghar-ragunar li adoperat sabiex tiskarta l-verzjoni tal-fatti moghtija mil-esponenti fuq il-pedana tax-xhieda.

"L-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, jispjega kif trid tigi evalwata testimonjanza. Huwa a bazi biss ta' dan l-artikolu li depozizzjoni tigi skartata. U mhux minhabba sillologizmu bhal ma gara fil-kaz odjern.

"Id-depozizzjoni tal-esponenti ghandha mis-sewwa proprju ghalhiex hija l-verita` u xejn aktar. Il-fatti li huwa semma huma kkorroborati mill-istess Cauchi.

[3] Vide xhieda ta' Brian Farrugia

Depozizzjoni dik tal-esponenti, kif ukoll tax-xhieda, li juru minghajr l-ebda ombra ta' dubbju li effettivament jekk ghas-sahha tal-argument u ghas-sahha tal-argument biss, jitwemmen min dina l-Onorabbli Qorti li l-esponenti ghamel l-*actus reus* tad-delitt odjern, certament l-istess provi, ser juru kif effettivament l-esponenti ma kellhux l-ebda forma ta' *mens rea*.

"Fid-delitt odjern sabiex tinstab htija, tenhtieg *mens rea* u mhux *dolus*. Tenhtieg *mens rea* specifika.

"Fil-kaz odjern, l-ebda *mens rea* u wisq anqas xi *dolo* ma jezisti.

"Isegwi ghalhekk li a bazi tal-principju *actus non facit reum nisi mens sit rea*, l-esponenti qatt ma seta jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

"<u>**c. L-akkuza trid tigi ppruvata skond id-data moghtija fic-citazzjoni**</u>

**"Dan l-aggravju qieghed jingab il-quddiem fil-konfront tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati l-esponenti, flimkien mal-aggravju relattiv ghal kull imputazzjoni kif supra indikat.**

"Illi huwa principju baziku li sabiex jkun hemm sejbien ta' htija, l-prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tac-certezza morali mhux biss l-elementi tad-delitti li bihom jkun imputat l-imputat, flimkien mal-intenzjoni relattiva, izda *sine qua non* jrid jigi ppruvat dak l-agir illegali skond iz-zmien moghti fl-imputazzjoni.

"Hija l-prosekuzzjoni li takkuza u ghaldaqstant l-oneru li tipprova l-kaz taghha jinkombi fuqha.

"Hija l-prosekuzzjoni li taghzel meta sehh il-fatt li a bazi tieghu inhargu l-imputazzjonijiet.

"Fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ghazlet li tixli lill-esponenti li dan l-agir sehh nhar id-<u>29 ta' Ottubru 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel</u>.

Principju kardinali iehor fil-proceduri penali huwa dak li l-Qorti tiddeciedi a bazi tal-provi migjuba quddiemha.

"L-atti odjerni bl-ebda mod u manjiera ma jippruvaw li xi agir sehh da parti tal-esponenti fiz-zmien tad-data li biha ntrabet il-prosekuzzjoni! Effettivament il-prosekuzzjoni ma ppruvat l-ebda zmien *to begin with*.

"Wiehed jifhem u kien jistenna li l-prosekuzzjoni fil-kaz odjern sabiex tipprova d-data [u l-elementi l-ohra tad-delitt imsemmija fl-ewwel u fit-tielet imputazzjoni] kellha iggib il-quddiem provi li juru meta suppost inharget il-licenza frawdolenti, meta suppost gew mghoddija dawn il-karti foloz f'dan il-kaz, u kull xort'ohra sabiex tigi ssustanzjata d-data indikata.

"B'lealta` l-uniku riferenza li tezisti ghal data temergi mix-xhieda ta' Mallia u Cauchi, liema persuni pero` ma kinux certi in kwantu tad-data u kollha xehdu li

kien ghadda z-zmien u li ma kinux certi taz-zmien. Certament dawn ma humiex provi sal-grad tac-certezza morali."

**7.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu li l-ewwel Qorti manifestament għamlet enunċjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-liġi. Huwa jgħid:

"Illi preliminarjament u ghal kull buon fini l-esponent jissottometti illi dan l-appell jitratta biss rigward ir-raba' (4) imputazzjoni fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) illiberat l-appellat. Ghaldaqstant qed jigi kontestat il-fatt li l-Qorti ma sabitx htija fir-rigward tar-raba' (4) akkuza.

"Illi mix-xhieda prodotti fil-process jidher car li l-appellat John (Ivan Schembri) pprovda affidavits li dawn l-istess xhieda kienu ffirmaw, fejn sostnew li tilfu l-licenzji taghhom meta fil-verita` ma kienx minnu kif stqarrew l-istess xhieda. Infatti mill-process jidher li Emmanuel Zammit ikkonferma li kien talab lill-appellat sabiex jirrangalu biex igib il-licenzja tal-mutur u ghal dan il-ghan gablu karta biex jiffirma u hallas xi flus ghal spejjez amministrattivi (a fol 23 tal-process). Meta mistqosi jiekk ghamilx it-testijiet, l-istess Emanuel Zammit irrisponda li fil-fatt ma ghamilx. Inoltre Emanuel Zammit jikkonferma wkoll li ffirma karta fejn ha gurament (affidavit) li kien tilef il-licenzja tal-mutur u tal-karozza meta dan ma kienx veru (a fol 24 tal-process). Illi jekk wiehed jifli sew id-depozizzjoni ta' Emanuel Zammit gewwa fol 23., huwa car li x-xhud talab lill-appellat sabiex jirrangalu biex igib il-licenzja tal-mutur u mhux biex jakkwista lura licenzja li kien accidentalment tilef. Illi l-istess xhud isostni wkoll li hu xtaq igib il-licenzja sabiex ikun jista' jkabbar il-mutur (vide fol 23). Ma jirrizulta mkien fix-xhieda li Emanuel Zammit stqarr ma l-appellat li kien tilef il-licenzja. Ghalhekk isegwi li l-appellat kien jaf li l-istess xhud ma kienx tilef il-licenzja.

"Illi x-xhud George Mallia (a fol 39, 40 u 41) jghid li kien inghata licenzja ghal trakk li kien xtara, minghajr ma ghamel ezami ghaliha wara li talab lill-appellat John (Ivan) Schembri sabiex jghinu jgib il-licenzja. Inoltre kien l-appellat stess li ta struzzjonijiet lil George Mallia sabiex imur jirrapporta li tilef il-licenzja (vide fol 40). Fl-ebda parti tax-xhieda ta' George Mallia ma jirrizulta li huwa kien gharraf lill-appellat li kien tilef il-licenzja tieghu w allura johrog b'mod car li l-appellat John (Ivan) Schembri kien jaf li x-xhud ma kellux licenzja ta' trakk u li ma kienx tilifha pero` xorta wahda idderigih sabiex imur jghamel affidavit falz.

"Illi x-xhud Pauline Cauchi tikkonferma wkoll li gabet licenzja tal-minibus (Special) minghajr ma telghet ghat-test marbut ma dik il-licenzja (a fol 42 tal-process). Infatti Pauline Cauchi kienet kellmet lill-appellat John (Ivan) Schembri (a fol 43) meta l-istess appellat kien mar ghandha u talbitu biex jghinha ggib il-licenzja (a fol 44). Pauline Cauchi fl-ebda mument ma qalet jew sostniet li qatt kellha l-licenzja tal-minibuses u/jew li kienet tilfihtha. Bhal ma gara fil-kaz tax-xhieda l-ohra l-appellat ta' karta lil Pauline Cauchi sabiex tiffirmha. Ix-xhieda l-ohra fosthom Emanuel Zammit kien xehed li l-karta li kien gablu l-appellat John (Ivan) Schembri kienet affidavit sabiex jahlef li kien tilef il-licenzja. Il-karta li ffirmat Pauline Schembri ghalhekk kienet ukoll affidavit biex tikkonferma li

kienet tilfet il-licenzja (avolja dan mhux minnu) u anke hallset mizata amministrattiva lill-ADT kif hallsu x-xhud l-ohra msemmija hawn fuq.

"Illi fl-istqarrija li kien ta l-appellat stess, hu kien sostna li kien gie avvicinat mill-persuni hawn fuq imsemmija sabiex jghinhom igibu l-licenzji li xtaqu (vide fol 17). Infatti l-appellat jghid li kellem lil certu Frans Catania u dan minn naha tieghu qallu li kellu bzonn jaghmillhom affidavit u wara tohrogilhom il-licenzja. Meta l-appellat John (Ivan) Schembi gie mistoqsi jekk kienx jaf li dawn in-nies qatt ma kienu ghamlu t-testijiet ghall-licenzji li kienu qeghdin jitolbu, l-appellat wiegeb li Iva kien jaf (a fol 17). Avolja kien jaf li dawn il-persuni qatt ma kellhom licenzja fil-kategoriji relattivi, l-appellat xorta hargilhom affidavit fejn dawn il-persuni ffirmaw li kienu tilfu l-licenzja (a fol 18 tal-process). Fl-istess stqarrija l-appellat John (Ivan) Schembri kien ukoll kkonferma li hu ghandu l-awtorita` li jaghti affidavits (a fol 18). Huwa ghalhekk car, kemm mix-xhieda kif ukoll mill-istqarrija tieghu li dawn l-affidavits harighom in mala fede ladarba kien jaf li dawn qatt ma kellhom il-licenzja ghal dawk il-kategoriji ta' vetturi. Illi malgrado li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tantx tat importanza ghal din l-istqarrija minhabba l-istat mentali tal-appellat (vide fol 102), pero` wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li l-istqarrija tieghu kienet pjuttost konsistenti u hafna mill-fatti huma korroborati mix-xhieda stess. Ghalhekk din l-istqarrija ghandha tinghata d-debita importanza u cioe` li ssahhah il-fatti li sostnew ix-xhieda fid-depozizzjoni taghha.

"Illi huwa car mid-depozizzjonijiet imsemmija hawn fuq li dak li asserixxa l-appellat u cioe` li l-persuni li kien ghen kienu qalulu li kienu tilfu l-licenzja, mhix korroborata mill-ebda depozizzjoni ta' dawn il-persuni. Ma tohrog mill-ebda depozizzjoni li dawn ix-xhieda kienu b'xi mod ikkonvincew lill-appellat li huma kienu accidentalment tilfu l-licenzja. Infatti x-xhieda kollha hawn fuq imsemmija sostnew li marru ghand l-appellat sabiex jirrangalhom biex igibu l-licenzja li xtaqu, u mhux ghax kienu verament tilfuha izda ghax ghal xi raguni jew ohra ma ridux jew ma setghux jaghmlu t-test. Ghalhekk isegwi li l-appellat ma kienx in buona fede meta fid-depozizzjoni tieghu sostna li l-persuni hawn imsemmija kienu qalulu li tilfu l-licenzja u li allura kien konvint li l-kaz taghhom kien wiehed genwin.

"Illi bid-dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx id-dovuta importanza lid-depozizzjonijiet bil-kuntest tar-raba' akkuza u sostniet li ma giex pruvat. Johrog car minn dawn id-depozizzjonijiet li l-appellant kien hadilhom l-affidavit sabiex jiffirmawh halli hekk ikun jista' jmexxi l-proceduri biex igibilhom il-licenzja minghajr ma jkunu ghamlu t-test koncernat hekk kif titlob il-ligi. Li kieku l-appellat kien konvint li dawn kienu accidentalment tilfu l-licnezja ma kienx ser joqghod jiehu l-briga li joqghod jippreparalhom il-karti u johodomlhom personalment fir-residenzi taghhom jew f'postijiet ohra izda kien jaqdihom fuq il-post tax-xoghol stess jew kien jirreferihom ghall-persuna jew dipartiment li seta' jaqdihom b'mod lecitu. Ghalhekk l-appellat kien jaf li l-persuni hawn imsemmija mhux veru kienu tilfu l-licenjza. Dak li ghamel l-appellat ma kellhux setgha li jaghmlu u effettivament kiser il-ligi. Inoltre l-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet li minhabba l-istat mentali tal-appellat, hekk kif spjegat mill-psikjatra tieghu, mhix ser torbot wisq importanza mal-istqarrija jew x-xhieda innifisha tal-appellat izda ser tistrieh aktar fuq dak li qalu x-xhieda migjuba (vide fol 102). Illi ghalhekk

kellha tinstab htija fir-rigward tar-raba' akkuza iktar u iktar fid-dawl li x-xhieda kienu konsistenti u kollha sostnew li l-appellat irrangalhom inkluz li fornielhom l-affidavit hekk kif rikjest mill-procedura meta persuna tkun tilfet il-licenzja. Inoltre x-xhieda migjuba jikkorroboraw fil-parti l-kbira dak li sostna l-appellat John (Ivan) Schembri fl-istqarrija tieghu. Illi wkoll l-istat mentali tal-appellat gie ezaminat mill-espert psikjatra fi stadju pjuttost avvanzat tal-proceduri u mhux meta saret l-istqarrija. Ghalhekk l-espert ma setax jghid verament kif kien qed ihossu l-appellat dak il-hin li ttiehdet l-istqarrija. Infatti l-appellat kien mistoqsi jekk iridx jikkonsulta mal-avukat qabel ma ttiehdet l-istqarrija kif titlob il-ligi u kien wiegeb li ma riedx ikellem avukat.

"Illi mill-provi prodotti huwa evidenti li l-appellat ghen u ffacilita lill-persuni hawn fuq imsemmija sabiex jiehdu gurament falz li huma kienu tilfu l-licenzja.

"Illi fil-kaz li din il-Qorti ssib lill-appellant hati tar-raba' (4) akkuza, ir-rikorrent jitlob li tigi varjata l-piena skond id-dispozizzjonijiet tal-ligi ta' Malta."

**8.** Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Ġenerali. Biex jirnexxi l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, irid jiġi ppruvat fl-ewwel lok li l-persuni msemmija fir-rikors ta' l-Avukat Ġenerali ħadu ġurament. Din il-prova hija mankanti. L-ewwelnett ma ġewx prodotti l-affidavits li jingħad li għamlu dawn il-persuni. Imbagħad ħadd mix-xhieda ma jgħid li ħa ġurament. Emanuel Zammit qal li l-appellat Schembri ġablu karta u ffirmaha. George Mallia qal li wara li talab lill-appellat Schembri jgħinu, huwa mar l-uffiċċju tal-liċenzji, qalulu jiffirma karta u hu ffirmaha. Pauline Cauchi qalet li l-appellat Schembri kien ġabilha karta li ma tafx eżatt x'kienet biex tiffirmaha. Joseph Camilleri ma jgħid li ffirma ebda karta. Dwar il-ġurament u l-forma tal-ġurament, din il-Qorti tirreferi għal diversi sentenzi li ngħataw minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Jannar 2012.[4] Ġaladarba ma nġabet l-ebda prova li dawn il-persuni "ħalfu" u allura li "ħalfu l-falz", l-appellat Schembri ma jistax jinstab ħati ta' kompliċita` f'dak ir-reat. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax akkoljiment.

**9.** Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra l-appell ta' John (k.a. Ivan) Schembri (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant").

**10.** B'referenza għall-ewwel imputazzjoni fejn qed jiġi allegat illi l-appellant kien kompliċi fil-ksur ta' l-artikolu 185(1) tal-Kodiċi Kriminali, jingħad fl-ewwel lok illi huwa ċar illi din l-imputazzjoni qed tirreferi għal allegat kompliċita` ta' l-appellant ma' uffiċjal pubbliku li kellu fil-mansjonijiet tiegħu dak li jirrilaxxja "ċertifikat" – f'dan il-każ liċenzji tas-sewqan. Kwantu għat-tielet imputazzjoni, din imbagħad tirreferi għal allegat kompliċita` ta' l-appellant mal-persuni li, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika,

[4] **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri**, **Il-Pulizija v. Carlo Camilleri**, **Il-Pulizija v. Dygon Magro**, **Il-Pulizija v. Emanuel Borg**, **Il-Pulizija v. George F.R.J. Sacco**.

xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz. Il-persuni in kwistjoni huma Emanuel Zammit, George Mallia, Pauline Cauchi u Joseph Camilleri u d-dokumenti fejn allegatament għamlu dikjarazzjoni falza huma l-affidavits li saru referenza għalihom meta kien qed jiġi kkunsidrat l-appell ta' l-Avukat Ġenerali.

**11.** Ħaġa li laqtet din il-Qorti meta eżaminat l-atti hi n-nuqqas totali ta' dokumenti ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport. Mhux biss ma ngħabux l-affidavits li allegatament għamlu l-erba' persuni msemmija, u li allura kienu juru eżattament x'iddikjaraw l-imsemmijin persuni, iżda lanqas ma ġiet prodotta ebda dokumentazzjoni li turi x'liċenzji nħarġu lilhom u minn min inħarġu.

**12.** Jissemma ċertu Frans Catania bħala persuna li allegatament kellu x'jaqsam mal-ħruġ tal-liċenzji u li miegħu allegatament l-appellant kellu kuntatt. L-allegazzjoni fil-fatt hi li l-appellant kien kompliċi ma' dan Frans Catania. Iżda apparti dak li jgħid l-appellant stess dwar Frans Catania bħala persuna li kienet taħdem fl-uffiċċju tal-Liċenzji, ma ngħab l-ebda rappreżentant mill-Awtorita` Dwar it-Trasport biex jikkonferma mhux biss li dan Frans Catania kien jaħdem f'dak l-uffiċċju, iżda partikolarment biex jispjega x'kienet il-kariga tiegħu u f'hiex kien jikkonsisti x-xogħol tiegħu. Ma ngħabet l-ebda prova biex turi jekk Frans Catania kellux id-dritt joħroġ liċenzji. Lanqas ma ngħabet prova biex turi jekk il-liċenzji li nħarġu lil Emanuel Zammit, George Mallia, Pauline Cauchi u Joseph Camilleri nħarġux minnu. Bħalma lanqas ma ngħabet prova dwar in-natura tal-liċenzji li nħarġu lil dawn il-persuni. Ħadd aktar ma jissemma bħala li miegħu l-appellant seta' kien allegatament kompliċi. L-ewwel Qorti tgħid fis-sentenza tagħha li l-appellant għen lill-erba' persuni msemmija "billi ħarġilhom il-liċenzja". Iżda dan ma jirriżulta minn imkien. Għall-kuntrarju jirriżulta li l-appellant ma kellux x'jaqsam mal-ħruġ tal-liċenzji in kwistjoni u xogħlu kien ben divers. Għalhekk l-appellant għandu raġun jgħid illi l-elementi kollha tad-delitt sottostanti, dak a tenur ta' l-artikolu 185(1) tal-Kodiċi Kriminali, ma ġewx ippruvati. Kwindi ma setax jinstab ħati ta' kompliċita` f'dan id-delitt.

**13.** X'għamel eżattament l-appellant? Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti kkonkludiet illi ma kellhiex toqgħod kompletament fuq l-istqarrija ta' l-appellant u lanqas fuq ix-xiehda li ta fil-Qorti u li għalhekk huma importanti dak li qalu x-xhieda miġjuba. Filwaqt illi m'hemmx dubju li x-xiehda tax-xhieda hi importanti, din il-Qorti, wara li eżaminat ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, dik ta' Robert Schembri (ħu l-appellant) u dik ta' l-Ispettur Chris Pullicino, ma tarax kif tista' tiskarta x-xiehda ta' l-appellant.

**14.** Issa, Emanuel Zammit xehed li talab lill-appellant biex forsi jirranġalu biex iġib liċenzja tal-mutur. Jgħid li l-appellant ġablu karta li tilef il-liċenzja tal-mutur u li tilef il-liċenzja tal-karozza, iffirmaha u wara ftit irċieva l-liċenzja bil-

posta. Hu ma kienx tilef il-liċenzja. George Mallia xehed li xtara trakk u ried liċenzja biex isuqu. Talab lill-appellant biex jgħinu u dan qallu biex imur jirrapporta li tilef il-liċenzja. Huwa mar l-uffiċċju tal-liċenzji, qalulu jiffirma karta u hu ffirmaha. Il-liċenzja rċeviha bil-posta. Pauline Cauchi qalet li xtaqet iġġib il-liċenzja biex issuq il-minibuses u saqsiet lill-appellant setgħetx tagħmel xi testijiet mingħajr ma tħallas flus u weġibha li min-naħa tal-ADT "ma jkunx hemm hekk". L-appellant kien ġabilha karta li ma tafx eżatt x'kienet biex tiffirmaha, u jidhrilha li l-appellant stess kien ħadilha l-liċenzja. Joseph Camilleri xehed li hu ried liċenzja speċjali, kellem lill-appellant li qallu jtieh il-liċenzja, tahielu u wara xi jiem kien irċieva l-liċenzja bil-posta. Imkien ma jgħid li ffirma xi karta.

**15.** Mela fir-rigward ta' Joseph Camilleri mhux biss m'hemmx prova dokumentarja iżda saħansitra l-istess Joseph Camilleri ma jgħidx li għamel xi dikjarazzjoni. Fil-każ ta' Pauline Cauchi ukoll m'hemmx prova dokumentarja, hi stess ma tafx x'iffirmat u l-appellant xehed illi meta kellmitu qallha li se jiċċekkja mal-*customer care* x'inhi l-proċedura, bagħtulu d-dokumenti f'*envelope* mal-messaġġier u qalulu fejn kellha tiffirma, reġa' kellimha u rritorna d-dokumenti lill-messaġġier. Vis-a-vis x-xhieda l-oħra in partikolari, mhux biss m'hemmx prova dokumentarja li tissuffraga dak li suppost iddikjaraw, iżda lanqas ma' din il-Qorti tista' tiskarta dak li xehed l-appellant li meta ffaċċjat bil-problemi ta' dawn in-nies huwa rreferihom għall-postijiet konċernati, u cioe` l-*customer care* u *license department*. In kontro-eżami qal li l-persuni qalulu li kienu tilfu l-liċenzja u fl-istqarrija qal iva għal din is-sitwazzjoni, jiġifieri li huma kienu qalu li tilfu l-liċenzja. Mhuwiex inverosimili dak li xehed l-appellant li, wara kollox, ma kellu x'jaqsam xejn ma' ħruġ ta' liċenzji, kif mhuwiex lanqas inverosimili li kien gwidat – jekk mhux ukoll sgwidat – minn min effettivament xogħlu kien dak.

**16.** Meqjus dan kollu, u partikolarment in-nuqqas ta' l-aqwa prova, il-provi dokumentarji, din il-Qorti hi tal-fehma li ma ġiex pruvat mingħajr dubju raġjonevoli l-*mens rea* meħtieġ biex tissussisti l-kompliċita` skond id-diversi forom addebitati lill-appellant bit-tielet imputazzjoni. Konsegwentement m'hemmx lok li din il-Qorti tqis it-tielet aggravju.

**17.** Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta' John (k.a. Ivan) Schembri, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu ħati ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet biss u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza appellata, u minflok tiddikjarah mhux ħati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.